MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 541/2002

**Amante u Marianna konjugi Caruana**

**vs**

**Jacqueline Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-12 ta' Settembru 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) rapprezentanti l-valur ta' kambjala annessa ma' l-avviz u mmarkata Dokument "A" li mmaturat fl-1 ta' Gunju,2002.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenuta billi jirrapprezenta pagament miftiehem fuq skrittura tal-10 ta' April, 2001 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A u skrittura sussegwenti tad-29 ta' Mejju 2001 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B liema skritturi saru fuq l-assikurazzjoni ta' l-atturi li l-kirja tal-fond li kien qieghed jitwella lill-konvenuta kienet bil-kondizzjonijiet murija fil-kuntratt tat-8 ta' Marzu, 1996, kopja ta' liema hija hawn esebita u mmarkata Dok C u cioe' li l-kirja tigi mgedda awtomatikament minn erba' snin ghall-erba' snin in perpetwu, liema assikurazzjoni qieghda tigi kontestata mis-sidien billi dawn qed jippretendu l-fond lura appena jaghlqu l-erba snin.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija naxxenti minn kambjala li kopja taghha tinsab esebita a fol 2. Il-konvenuta gharfet il-firma taghha u rrikonoxxiet illi l-ammont indikat fuq il-kambjala ghadu mhux imhallas. Fl-eccezzjoni taghha hija spjegat ir-*retro scena* tal-kambjala u kif kriet il-fond fejn attwalment tabita u cioe' 6 Flat 2, Sir Luigi Camilleri Street, Sliema minghand l-attur u l-kwistjoni illi qamet bejniethom dwar il-kirja fil-konfront ta' sid il-fond.

Jibda biex jinghad li f'azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' tal-kambjala billi jallegaw difett fil-forma, jew fir-rekwiziti essenzjali taghha (ara Appell Inferjuri deciza fit-18 ta' Frar 2000 fl-ismijiet *Mid Med Bank vs Silvio Gruppetta*). F'dan il-kaz ma nghatatx eccezzjoni dwar il-validita' tal-kambjala, anzi l-istess konvenuta taccetta l-veracita' taghha billi taghraf il-firma u n-nuqqas ta' hlas. Ghalhekk il-Qorti ma tistax

tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni bhal ma lanqas ma tista tidhol f'dan l-istadju fil-meritu jew fl-obbligazzjoni illi minnha hija naxxenti l-kambjala. Tant hu hekk, il-kambjala ghandha natura specjali bl-obbligazzjoni li tohrog mill-kambjala bhala obbligazzjoni awtonoma u ndipendenti mit-transazzjoni li kienet waslet ghal hrug tal-kambjala nnifisha. (ara kawza dciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Avukat Dr Keith Bonnici Noe vs Adrian Busietta Noe* fis-7 ta' April 2000).

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tal-konvenuta qajjem il-kwistjoni tan-nuqqas ta' protest wara l-morosita' fil-hlas. Il-Qorti ma jidhirlhiex illi l-protest huwa necessarju meta l-partijiet involuti ghadhom l-istess partijiet illi jkunu hargu l-kambjala, u cioe' meta l-kambjala ma tkunx giet girata. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn isir protest (ara kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet *Oceanway Company Limited vs Onda Limited u Vincent Grixti)*. Fil-kawza *Gatt vs Bartolo* (Vol XXX pt III pg 416) il-Qorti tal-Kummerc kienet qalet *"id-disposizzjoni tal-Ligi li timponi l-protest tal-kambjala meta din ma tithallasx fl-iskadenza, mhijiex applikabbli ghat-traent u ghalhekk meta l-kambjala mhijiex negozjata t-traent m'ghandhux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament."*

Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda pregudizzju ghall-atturi meta huma ma pprotestawx il-kambjala wara li dina mmaturat u ma thallsitx. Ghalhekk stante n-natura awtonoma tal-kambjala li hija ndipendenti mit-transazzjoni li minnha tohrog (ara wkoll kawza fl-ismijiet *John Portelli noe vs Joseph Sullivan* deciza mill-Qorti tal-Kummerc 17 ta' Ottubru,1989). Il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li f'dan l-istadju, tinjora ghal kollox il-kwistjoni ta' l-iskrittura tal-kera illi nqalghet bejn il-partijiet u peress illi ma hemm xejn formalment invalidu fil-kambjala meritu ta' din il-kawza, m'ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' t-talba ta' l-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuta illi thallashom is-somma elfejn lira Maltin (Lm2000) rapprezentanti l-valur ta' kambjala annessa u mmarkata Dokument "A" li mmaturat fl-1 ta' Gunju, 2002.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------